MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 50/2010

**Lawrence Bilocca f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' Tony Galea, Dennis Phillips, Yvonne Nugent u Michelle Phillips; Charles Bilocca; Mario Brian Galea; Helen sive Eileen Ellul f'isimha proprju u bhala mandatarju ta' huha Emanuel Galea; Rita Micallef, Daniela Caruana, Roberta Micallef; Kristina Micallef, Gerald Galea, Owen Camilleri, Alison Shaw, Carmelo sive Charles Galea u Tony Galea.**

**vs**

**Richard Mifsud**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti:

Illi l-esponenti huma sidien, flimkien u indivizament bejniethom, tal-fond ufficjalment markat bin-numru tlieta u erbghin (43), fi Triq il-Kbira, Attard;

Illi huma kienu jikru dan il-fond bhala post ta’ abitazzjoni lil Mary Carmen Mifsud , li kienet tghix fih wahedha;

Illi l-inkwilina Mary Carmen Mifsud mietet fid-9 ta’ Lulju 2008, u l-kera li kellha mhallas ghalaq fit-30 ta’ Novembru 2008;

Illi wara l-mewt ta’ Mary Carmen Mifsud, l-intimat Richard Mifsud apporprju ruhu mic-cwievet tal-post imsemmi, u ha pussess tieghu;

Illi minkejja li l-esponenti interpellaw diversi drabi lill-intimat biex jiritornalhom ic-cwievet ta’ dan il-post battal, huwa baqa’ inadempjenti u sal-lum baqa’ ma rritornahomx;

Illi l-intimat ghadu sal-lum jiddetjeni dan il-post abbuzivament u minghajr jedd legali;

Illi jezistu l-elementi kollha preskritti mid-disposizjonijiet tal-artikolu 16A tal-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta’ Bini (Kap 69) sabiex it-talba tal-esponenti ghall-izgumbrament tal-intimat mill-post imsemmi tigi deciza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza billi sa gfejn jafu l-esponenti l-intimat ma ghandu difiza x’jaghti kontra din it-talba;

Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li dan il-Bord jidhirlu xierqa, l-esponenti jitolbu bir-rispett li ghar-ragunijiet premessi, dan il-Bord joghgbu:

1. jiddeciedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta’ Bini;

2. jordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss minn dan il-Bord jizgombra mill-post 43, Triq il-Kbira, Attard;

Bl-ispejjes kontra l-intimat li huwa ngunt issa ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni kompetenti lill-esponenti;

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promutur kif ukoll bl-avviz tas-smiegh.

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju, 2010, fejn il-Bord, wara li semgha lill-partijiet iddecieda li ma kien hemm ebda raguni ghaliex m'ghandux jipprocedi biex jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond l-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ikkonsidra:

Illi wara l ezamina  r-rikors guramentat u semgha bil-gurament lir-rikorrenti jirrizulta illi seduta stante l-intimat irritorna c-cwievet tal-fond u dan wara li r-rikorrenti Lawrence Bilocca iddikjara illi r-rikorrenti huma l-unici sidien tal-fond de quo.  Dawn ic-cwievet qatt ma kienu ritornati mill-intimat ghaliex qatt ma inghata prova dokumentarja li r-rikorrenit kienu s-sidien tal-fond, haga din li ma kienitx timmerita tali dewmien la darba kien qed isir hlas tal-kera lill-istess rikorrent;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif ravvizati fir-rikors promutorju.  Minkejja li seduta stante c-cwievet tal-fond kienu mghoddija lir-rikorrenti mill-intimat, ghal kull buon fini l-Bord qed  jawtorizzahom jirriprendu l-fond de quo b'effett immedjat.

L-ispejjez ta' din l-istanza huma  a karigu ta' kull wiehed mill-partijiet u cioe' kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha..

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------